*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 16– 30 ta' April 2025**

***Minuti tas-sittax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-30 ta' April 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sebgħa ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 16. Il-laqgħa bdiet fis-7:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**Pubbliku:** Ħadd

16.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Qabel l-approvazzjoni tal-minuti, il-Kunsillier George Cortis ppropona li tinżamm minuta silenzju b'rispett lejn l-ex Aġent President Francis Zammit Dimech kif ukoll Papa Franġisku. Hekk sar.

Il-Kunsillier Mario Attard, ppropona li l-minuti ikunu approvati kif emendati. Hu kien sekondat mill-Kunsillier Paul Baldacchino. Il-minuti kienu approvati unanimament.

16.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Park & Ride – Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li l-Park & Ride intlaqgħet tajjeb ħafna fil-Ġimgħa Mqaddsa u kien hemm konkorrenza ta' l fuq minn 200 persuna li eventwalment ifisser li dawn il-karozzi tnaqqsu mir-raħal.

- Resurfacing – Qabel il-Ġimgħa il-Kbira kif kien diġà kkomunikat mal-Kunsill sar l-itranġar bil-konkoz ta xi zoni fi Vjal il-Ħelsien u Triq Sciortino u issa jrid isir bit-tarmac. Ir-resurfacing fi Triq Mikielanġ Sapiano, ir-resurfacing sar mill-ewwel bit-tarmac.

- Żbir ta' siġar ta' Triq Sciortino – Dan iż-żbir ser isir qabel il-festa fuq is-siġar ta' Triq Sciortino fl-istess żmien li ser isir it-tarmac.

- Playstreets – Dan il-kunċett qed jintlaqa tajjeb ħafna min-nies u l-ewwel waħda kellha konkorrenza tajba ħafna.

- Tellieqa tar-Roti – Kienet ta' suċċess u kien hemm konkorrenza ta' 90 ċiklist u l-fost ħafna kummenti, kien hemm min qal li din kienet l-isbaħ rotta f'ħafna snin. L-ispejjeż kienu kważi kollha koperti mill-isponsors u mill-ħlas ta' parteċipazzjoni taċ-ċiklisti.

- Pjazza Pedonali – Kien hemm kliem ta' tifħir anke għall-pjazza pedonali li fiha kien hemm ħafna attivitajiet tat-tfal li ntlaqgħu tajjeb.

- CCTVs – Dawn twaħħlu f’Misraħ San Filep u fi Triq Sciortino imma għadhom mhux funzjonanti minħabba li għad m’għandhomx kurrent. Ser ikun hemm kamera oħra portable li titpoġġa fejn meħtieġ.

- Filming ta Series li se tintwera fuq il-BBC – Qed jiġi ffilmjat teleseries ġewwa Ħaż-Żebbuġ li fih qegħdin jieħdu sehem 200 ruħ u għaldaqstant ċertu zoni kienu riservati għall-parkeġġ minħabba l-apparat li jkun irid jinġarr.

16.3 Bankina fit-Triq tal-Iskola

Kien hemm qbil unanimu li l-bankina ta’ Triq Frans Sammut fuq iż-żewġ naħat il-parti ta’ Do it All sa fejn The Meatshop tinbidel u x-xogħol isir mill-Public Works.Triq Mons. Milanesi hija nkluża wkoll. Il-Public Works kellhom allokati Eur250,0000 għal Ħaż-Żebbug. Huwa maħsub li din l-ispiża titla għal-Eur135,000. Fuq proposta tal-Kunsillier George Cortis sekondata mill-Viċi-Sindku Joseph Agius. IttiDin id-deċiżjoni ttieħdet uanimament.

16.4 Għarram Dog Park

Ser isir Dog Park minn Project Green fiz-zona t’ Għarram, fuq disinn tagħhom fi spazju miftuħ li hemm. Il-proġett ta’ din iz-zona suppost għandu jitlesta sa l-aħħar ta’ Ġunju. Wara jinbeda dan id-dog park.

Sadanittant il-laqgħa tal-Kunsill kienet sospiża sakemm iċ-Chairperson tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni Karsten Cilia sabiex jispjega dwar il-proċess tal-Aġġudikazzjoni u f’liema parti tal-Aġġudikazzjoni uħud mit-tenders li inħarġu jinsabu fosthom:

- Tender għal-Phase 1tal-Binja Latrina / Librerija – fejn bħalissa kjarifiki li ġew mitluba lill-bidders qed ikunu mgħarbla mill-Medesign sabiex ir-rapport jgħaddi f’idejn dan l-il-Bord.
- Tender għall-knis – Dan it-tender qed jiġi evalwat kif rikjest mill-Awtoritajiet bil-BPQR. U l-proċess huwa metikoluż ħafna.

16.5 Tad-Dawl Traffic Management

Din it-tema ser tkun mitkellma f’laqgħa oħra.

16.6 Art fi Triq ir-Raddiena

Is-Sindku Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill li saru diskussjonijiet mal-Primary Health dwar il-bżonn li jingħataw servizzi primarji tas-saħħa ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku flimkien mal-Ministeru tal-Artijiet identifikaw art fi Triq ir-Raddiena li għandha l-arja libera

u li hija proprjetà tad-Dipartiment tal-Artijiet. U għaldaqstant din l-arja li tintalab id-devoluzzjoni tagħha tinbena mill-Kunsill u jagħmel użu minnha l-Primary Health.

Wara spjegazzjoni li ngħatat mill-Perit Malcolm Cachia, il-Kunsillier Dr. Mazzola ppropona li it-talbiet lil-Lands jsiru kif ġej:

1. Tintalab id-devoluzzjoni tal-arja tal-garaxxijiet
2. Tintalab id-devoluzzjoni tal-art ta' bejn il-garaxxijiet
3. Tintalab id-devoluzzjoni tal-art ta' quddiem il-garaxxijiet

It-talba għandha tkun f'din l-ordni.

Din il-proposta kienet sekondata mill-Kunsilliera Dr. E. Zammit Lupi Ittieħed vot li d-deċiżjoni kienet waħda unanima.

16.7 Bus Shelters Haz-Zebbug

Din it-tema ser tkun mitkellma f'laqgħa oħra.

16.8 Festa San Filep 2025

Il-Kunsilliera kienu mgħarfa fuq fuq bis-sehem tal-Kunsill fil-festa, fejn jingħataw il-permessi għall-gabbani u għall-imwejjed u s-siġġijiet, tindif in ġenerali, mobile toilets eċċetra. informazzjoni dwar l-attivitajiet imtella' mill-każini. Ġew infurmati wkoll il-ħlasijiet li tal-Pulizija għall-attivitajiet li jaqgħu qabel il-ħruġ min-niċċa u wara l-Ħadd tal-festa, għaliex dawn issa m'għadhomx ikunu koperti mill-istat. Kien ikkonfermat li dawn il-ħlasijiet għandhom ikunu koperti mill-Kunsill.

16.9 Vot tal-Flus

Wara diskussjoni dwar il-vot tal-flus, il-Kunsillier Dr. P. Mazzola ppropona li dawn il-pagamenti jkunu approvati. Din il-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Mario Attard. Kien kien hemm vot unanimu.

16.10 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-9:00pm.

| | |
|---|---|
| **Steve Zammit Lupi** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |